MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 714/2012

**HSBC Bank Malta plc (C3177)**

**vs**

**Santa Lucia Properties Limited (C6109)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' l-HSBC Bank Malta plc li in forza tieghu, wara li ppremetta illi:

1. Din il-kawza qeghda ssir sabiex jigi irkuprat kreditu iktar l-isfel spjegat illi l-Bank attur ghandu kontra s-socjeta` Santa Lucia Properties Limited bhala debitur principali. Din il-kawza hi diretta kontra s-socjeta` konvenuta bhala debitur principali b'riserva ghal kull azzjoni talvolta kompetenti kontra l-garanti.

2. Il-Bank attur kien ta facilita` bankarja ta' self lis-socjeta` konvenuta u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Cassar tat-28 ta' Mejju 2007 (hawn ezibit u markat bhala dokument "A") u dana sas-somma ta' hamsin elf Lira (LM50,000) illum mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin Ewro u sebgha u sittin cent (€116,468.67).

3. It-talbiet infraskritti qeghdin isiru ghaliex id-debitu principali naxxenti mit-titolu ta' self fuq imsemmi baqa' ma thallasx. L-unici depoziti li kienu saru in ripagament tas-self imsemmi lanqas kienu sufficjenti sabiex jithallsu l-interessi akkumulati fuq il-kapital. Il-kapital ta' mija w hmistax-il elf, sitt mija w disgha ewro u tlettax-il cent (€115,609.13) ghadu kollu kemm hu dovut, u mieghu huma dovuti wkoll il-bilanc tal-imghaxijiet li lahqu ddekorrew minn mindu infetah il-kont (ossija inghata is-self) sal-20 ta' Gunju 2012 liema bilanc ta' imghax ilahhaq is-somma ta' sebgha u ghoxrin elf, hames mija u dsatax-il Euro u tlieta u sebghin cent (€27,519.73), u dana kif jidher spjegat fil-prospett hawn anness u mmarkat bhala dokument B.

4. Illi l-kuntratt ta' self hawn imsemmi jipprovdi illi jekk min jissellef jikser xi kondizzjoni tal-istess kuntratt, jitlef kull beneficcju ta' terminu u kull bilanc ta' kapital u imghax akkumulat isir immedjatament dovut, u ghal dan il-ghan ikun bizzejjed illi l-bank attur jibghat avviz bil-miktub fejn jitlob ir-rifuzjoni tal-kapital u imghax minnufih.

5. Illi fil-fatt, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti fil-hlas lura tal-kapital misluf kif ukoll tal-imghax, u dwar dan kienet giet interpellata ghall-hlas lura immedjat tal-istess kapital u imghax permezz ta' ittra ufficjali tal-20 ta' Mejju 2011, debitament notifikata mis-socjeta` konvenuta, hawn annessa u mmarkata bhala dokument C.

6. Illi ghalhekk il-bank attur huwa kreditur tas-socjeta` konvenuta ghas-somma ta' mija w hmistax-il elf, sitt mija u disa' Ewro u tlettax-il cent (€115,609.13) kif ukoll tal-imghaxijiet li lahqu ddekorrew minn mindu infetah

il-kont, sal-20 ta’ Gunju 2012 liema bilanc ta’ imghax ilahhaq is-somma ta’ sebgha w ghoxrin elf hames mija u dsatax-il Ewro u tlieta u sebghin cent (€27,519.73), kif ukoll ghall-imghax ulterjuri bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-20 ta’ Gunju 2012 sal-effettiv hlas; u dan il-kreditu huwa dovut u esigibbli minghand is-socjeta` konvenuta.

Talab lis-socjeta` konvenuta tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta ddekadiet mill-beneficcju tat-terminu;

2. Tikkanonizza lill-istess attur bhala kreditur tas-socejta` konvenuta fis-somma ta’ mija w hmistax-il elf, sitt mija u disa’ Ewro u tlettax-il cent (€115,609.13) kif ukoll tal-imghaxijiet li lahqu ddekorrew minn mindu infetah il-kont sal-20 ta’ Gunju 2012 liema bilanc ta’ imghax ilahhaq is-somma ta’ sebgha w ghoxrin elf hames mija w dsatax-il Ewro u tlieta u sebghin cent (€27,519.73), kif ukoll ghall-imghax ulterjuri bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-20 ta’ Gunju 2012 sal-effettiv hlas;

3. Tikkundannaha li thallas is-somma fuq imsemmija bl-imghax imsemmi sal-effettiv hlas;

4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta li tibqa’ ingunta minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta` intimata ma wiegbitx ghall-kawza u lanqas kienet rapprezentata fl-udjenza.

Semghet lix-xhud Catherine Fenech li kkonfermat illi l-ammont pretiz kien ghadu kollu dovut mill-intimata.

Ghaldaqstant, peress illi t-talbiet tal-Bank rikorrenti jinsabu pruvati sal-grad rikjest mil-ligi, tilqa’ l-istess talbiet kollha

kif dedotti fir-rikors promotur, bl-ispejjez u imghaxijiet kif dedotti fl-istess rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Santa Lucia Properties Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------